

30.3.2022

A9-0062/24

Emenda 24

Marc Botenga

f'isem il-Grupp The Left

Rapport

Nicolae Ștefănuță

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III
(2021/2226(BUI))

A9-0062/2022

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5a. Jissottolinja li s-salarji u l-benefiċċji tal-Kummissarji Ewropej huma ġenerużi ħafna; jinsab imħasseb li dawn is-salarji għoljin b'mod sproporzjonat iwarrbuhom kompletament mill-ħajja ta' kuljum, mill-ħtiġijiet u mit-taqbidiet tan-nies; iqis, għalhekk, li l-allokkazzjoni ta' salarji u benefiċċji aktar raġonevoli għalihom iżżid iċ-ċans li l-QFP u l-proposti baġitarji annwali jkunu aktar konformi mal-ħtiġijiet tan-nies li jaħdmu;

Or. en

30.3.2022

A9-0062/25

Emenda 25

Marc Botenga, Sandra Pereira, João Pimenta Lopes
f'isem il-Grupp The Left

Rapport

Nicolae Ștefănuță

Linji gwida għall-Baġit 2023 – Taqsima III
(2021/2226(BUI))

A9-0062/2022

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

30. Iqis li l-aħħar żieda fl-għadd ta' infezzjonijiet bil-COVID-19 hija prova ulterjuri li għandu jsir aktar biex titlaqqam id-dinja kollha; ifakkar fil-ftehim bejn it-tliet istituzzjonijiet bħala parti mill-baġit 2022 biex tiġi rieżaminata l-evoluzzjoni tar-rispons għall-pandemija sal-aħħar ta' Ġunju 2022, b'mod partikolari fir-rigward tat-tilqim internazzjonali, u biex tittieħed kwalunkwe azzjoni neċessarja mingħajr aktar dewmien;

Emenda

30. Iqis li l-aħħar żieda fl-għadd ta' infezzjonijiet bil-COVID-19 hija prova ulterjuri li għandu jsir aktar biex titlaqqam id-dinja kollha; ***jiddispjaċih, għalhekk, dwar ir-rifjut tal-Kummissjoni li tappoġġa eżenzjoni temporanja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ, li ntabbet sabiex jissaħħaħ l-aċċess globali għal prodotti u teknoloġiji mediċi relatati mal-COVID-19, kif mitlub diversi drabi mill-Parlament;*** ifakkar fil-ftehim bejn it-tliet istituzzjonijiet bħala parti mill-baġit 2022 biex tiġi rieżaminata l-evoluzzjoni tar-rispons għall-pandemija sal-aħħar ta' Ġunju 2022, b'mod partikolari fir-rigward tat-tilqim internazzjonali, u biex tittieħed kwalunkwe azzjoni neċessarja mingħajr aktar dewmien;

Or. en